# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

---

**Illum is-26 ta' Jannar 2021**

Appell numru 47 tal-2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Nazzareno BUSUTTIL**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' Frar 2020 fil-konfront ta' **Nazzareno BUSUTTIL** karta tal-identità bin-numru 587764M li ġie mixli talli fix-xahar ta' Mejju 2016 ġewwa Ħal-Għaxaq, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,fil-kapaċita tiegħu ta' Segretarju tal-Każin tal-Banda San Ġużepp ta' Ħal-Għaxaq :

i. ħaddem jew ġiegħel jew ippermetta li jitħaddem loud speaker jew gramafon jew amplifikatur jew apparat ieħor simili jew

ġiegħel jew ippermetta li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li dejqu lil ġirien li joqgħodu fil-qrib;

ii. bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu iżda dan limitatament għall-imputazzjonijiet li kienu jirreferu għall-15 ta' Mejju 2016 u kkundannatu għal ammenda ta' mitt euro (€100) u b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ikkundannat lill-imputat sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti jħallas is-somma ta' elf, mitejn tnejn u għoxrin euro tlieta u ħamsin ċenteżmi rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-każ.

3. Illi minn din is-sentenza Nazzareno BUSUTTIL appella fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u tilliberah mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu wara li saħaq is-segwenti : -

i. F'dan il-każ kien hemm kunflitt ċar fil-provi prodotti. Kien hemm kwistjoni dwar id-data tax-xandir tal-Eurovision peress illi skond il-Pulizija r-rapport sar fil-15 ta' Mejju 2016 jiġifieri l-għada tax-xandir tal-Eurovision li seħħ fl-14 tal-istess u li kien filfatt jaħbat is-Sibt. L-appellant saħaq li kien fatt pubbliku u magħruf li din is-serata tixxandar nhar ta' Sibt u mhux il-Ħadd. Madankollu l-ewwel Qorti sabet ħtija għal dak li jirrigwarda l-għada, jiġifieri daqslikieku r-reati seħħew matul il-jum tal-Ħadd u mhux is-Sibt.
ii. Inoltre l-appellant ilmenta wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) xorta waħda ma setgħatx issibu ħati tal-kontravvenzjoni taħt l-artikollu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali meta hu lanqas biss kien preżenti dakinhar. Qal li trid tirriżulta azzjoni pożittiva da parti tiegħu sabiex din il-kontravvenzjoni tirriżulta integrata. Hu ma kienx hemm u mhux lilu sabu. Dan il-fatt ma ġiex ikkontestat mill-kwerelanti.
iii. Lanqas ma setgħet tinstab ħtija taħt l-artikolu 41(2)(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi l-appellant ma kienx qed imexxi l-attivita' tal-Eurovision hu fejn saħansitra lanqas biss kien preżenti fuq il-post u dan mhux kappriċċożżament. Hu nfatti ħalla lil Ryan Vella biex jieħu ħsieb minfloku tant

illi kien filfatt Ryan Vella li rċieva l-istruzzjonijiet mill-Pulizija sabiex ibaxxi l-volum. Il-Pulizija qatt ma kellhom jagħtu tali ordni lill-appellant. Evidentement il-Qorti tal-Maġistrati kellha tapplika l-artikolu 322 tal-Kap 10 tal-Liġijiet ta' Malta fejn madankollu rriżulta ċar li l-appellant ma setgħax kien konxju tar-reat li kien għaddej u lanqas ma seta' jkun jaf. Anzi hu ħalla lill-ħaddieħor floku sabiex jaċċerta li ma jinqalgħux problemi jew inkonvenjenti;

iv. Inoltre, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) irreferiet għall-kummentarju li kien għadu għaddej fil-11:30pm fejn madankollu ma kinitx korretta fl-osservazzjonijiet tagħha u dan skond dak li saħaq PS639. Hu qal li ma kienx hemm sound amplifikat iżda kien għad hemm in-nies li kienu qegħdin jisimgħu il-kummentarju tal-Eurovision. Il-ħsejjes iridu jkunu tali li jdejqu lin-nies li jkunu joqgħodu fil-bini qrib u jridu jkunu 'daqshekk qawwija'. Il-prova dwar dawn il-ħsejjes 'daqshekk qawwija' fil-fehma tal-appellant ma ġewx ippruvati bil-kummentarju tal-Eurovision. Hemm kuntrast ċar bejn l-istampa mpinġija mill-Pulizija u dik tal-kwerelanti dwar dan. Il-Pulizija lanqas ma ntalbu jispjegaw x'kien il-livell tal-istorbju/volum li semgħu meta reġgħu marru fil-11:30pm fejn irriżulta wkoll li huma ma dehrilhomx li kellhom jordnaw li l-volum għandu jitnaqqas. Rigward il-kwistjoni tal-permess għal dawn l-attivitajiet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma rreferiet għall-ebda disposizzjoni f'dan is-sens;

v. L-imputazzjoni dedotta kontrih tirrigwarda reat kontinwat li mhux applikabbli hawnhekk fejn konsegwentement ma setgħatx isibu ħati;

vi. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) żbaljat ukoll meta ordnat il-ħlas tal-ispejjeż peritali skond l-artikolu 533 peress illi l-kawża ma tmexxietx *ex officio* mill-Pulizija. In oltre l-espert li nħatar, inħatar biss sabiex jisma x-xhieda u mhux biex jagħti l-veduti tiegħu. Kwindi l-konklużjonijiet tiegħu ma jistgħux jitqiesu skond id-dettami tal-artikolu 645(1) tal-Kap 12 reż applikabbli tramite l-artikolu 520 tal-Kap 9.

## Ikkunsidrat

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony***

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta’ din il-Qorti jibqa’ dak ta’ reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta’ ritrattazzjoni, u ma terġax tisma’ l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

---

***Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta’ Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta’ l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed”, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista’ tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

**Ikkunsidrat**

9. Illi f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) irċeviet l-affidavit ta' PS639 Jean-Mar Mangion u l-affidavit ta' PS1429 E. Mangion. Fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2016 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dottor Antonio Micallef Trigona kienet innominat lil Perit Mario Cassar sabiex jikkonstata l-kwalita u n-natura tal-mużika.

10. Fis-seduta tal-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2017 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) issa diversament presjeduta, kienet ġiet infurmata li l-Perit Legali kien għadu m'espletax l-inkarigu tiegħu. Din ir-relazzjoni ġiet maħlufa u eżebita fis-seduta tal-24 t'Ottubru 2019. Il-kawża kienet ġiet differita għas-seduta tal-21 ta' Novembru 2019 għall-eżami tar-rapport. Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2019 kienet saret it-trattazzjoni mill-Parte Ċivile u mid-Difiża u l-kawża differita għas-sentenza għall-20 ta' Frar 2020.

11. Fl-20 ta' Frar 2020 il-kawża ġiet deċiża.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

12. Illi din il-Qorti rat li l-Qorti tal-Maġistrati kienet ħatret lil Perit Mario Cassar sabiex jikkonstata l-kwalita u n-natura tal-mużika. Jirriżulta mir-relazzjoni peritali li dan l-abbli Perit, espleta l-inkarigu tiegħu b'mod eżawrjenti. Iżda ġara li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) straħet fuq din ir-relazzjoni peritali mhux biss kwantu għal dak li jirrigwarda l-konstatazzjonijiet tekniċi, xjentifiċi jew li jeħtieġu sengħa jew ħila speċjali, iżda straħet ukoll fir-rigward ta' dak li x-xiehda kellhom xi jgħidu relattivament għall-meritu tal-vertenza. Ma jirriżultax li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ semgħet ix-xiehda tax-xhieda almenu dwar il-meritu tal-vertenza.

13. Issa skont ġurisprudenza soda, il-Qorti tal-Maġistrati għandha tisma' x-xiehda tax-xhieda u tagħmel l-evalwazzjoni tagħha skont il-Liġi. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

14. Fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first

instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

15. Kif osserva l-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Bartolo*** fid-9 ta' Settembru 1999 :

Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro***, in-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita', sostanzjali jew xort'ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha adoperata mill-ewwel qorti. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu. Tali nuqqas, u l-konsegwenti nullita' tas-sentenza, huma sollevabbli *ex officio* minn din il-Qorti. Pero', biex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami, din il-Qorti mhux ser tisma' hi l-provi mill-gdid fil-meritu, izda ser tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti.

16. Dan il-prinċipju ġie ribadit anke fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs Joseph Pace*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-21 ta' Ġunju 2001 kif ukoll fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Oscar Adami*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-9 ta' Frar 2011 fejn kien intqal is-segwenti : -

Din il-Qorti se ticcita *in extenso* dak li ntqal fis-sentenza fl- ismijiet **Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Settembru 1999:

**"L-aggravju tal-appellanti jirriduci ruhhu, bazikament, ghal wiehed ta' apprezzament ta' provi. Pero` f'dan il- kaz hemm problema aktar *di fondo* li din il-Qorti hi tal- fehma li ghandha tissolleva *ex officio*, u cioe` li l-qorti li tat is-sentenza fil-21 ta' Jannar, 1999 ma semghetx provi izda qaghdet fuq ir-rapport tal-"perit legali" Dott. Beppe Fenech Adami u fuq id-deposizzjonijiet minnu migbura. Fi kliem iehor, hadd mix-xhieda ma ta x-xiehda tieghu quddiem il-gudikant li ppronunzja s- sentenza fil-21 ta' Jannar ta' din is-sena.**

**"Il-qorti li tat is-sentenza fil-21 ta' Jannar, 1999 kienet qorti ta' prim istanza u mhux qorti ta' appell. Il- procedura quddiem dik il-qorti kellha ssegwi dak indikat fl-Artikoli 374(*i*) u 375(*c*) tal-Kodici Kriminali, u cioe` li l-kawza titmexxa 'fil-qosor u bil-fomm' ('*viva voce*' fit-test ingliz) billi jinstema' l-ufficjal prosekutur u l-provi tieghu; wara jinstema' l-imputat jew l-avukat tieghu u l-provi tad-difiza; u finalment ikun hemm id- dritt ta' replika u kontro-replika. Din il-procedura necessarjament tfisser li x-xhieda jinstemghu mill- qorti. L-Artikolu 646(1) (tal-imsemmi Kodici), li japplika wkoll ghall-Qorti tal-Magistrati, jipprovdi li, salv certi eccezzjonijiet li ma humiex relevanti ghal dan il-kaz, u salv il-procedura fi stadju ta' appell, 'ix-**

**xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-qorti u *viva voce*'. L-ewwel qorti, izda, ma ghamlitx hekk; iddelegat is-smigh tax-xhieda lil 'perit legali'. Issa, perit ghandu jigi nominat biss meta 'ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali' (Art. 650, Kap. 9). Fil-kaz in dizamina l-ewwel qorti, b'digriet tal-15 ta' Marzu, 1996, innominat 'fuq talba tal-partijiet', bhala 'perit legali' lill-Avukat Dott. Beppe Fenech Adami 'bis-soliti fakoltajiet, inkluz li jaghmel [sic!] accessi u jisma' ix-xhieda bil-gurament u wara jirrelata bil-miktub lil din il-Qorti' (ara fol. 6 tal- atti). "L-unika hila u sengha li kienet rikjesta mill-perit nominat kienet dik il-hila u sengha li kull gudikant hu prezunt li ghandu, u cioe` li jisma' l-provi, jaghmel il- valutazzjoni tieghu skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal- Kodici Kriminali, u japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu. Ghalhekk f'dan il-kaz certament ma kienx hemm lok ghan-nomina ta' 'perit' biex jaghmel dak li l- ligi trid li jaghmel il-gudikant personalment. Dak li l- legislatur ma riedx li jsir mill-magistrat inkwirenti fil- kors tal-inkjesta dwar l-*in genere* - ara t-tielet proviso tal-Art. 548 tal-Kap. 9 - *multo magis* ma jistax isir mill- Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Hawnhekk m'ahniex fil-kamp civili fejn il-partijiet jistghu, sa certu punt, jaqblu fuq il-procedura li ghandha tigi segwita. Konsegwentement din il-Qorti ser tinjora wkoll il-verbal, registrat quddiemha fl- udjenza tal-1 ta' Gunju, 1999, fejn il-partijiet qablu li din il-Qorti ghandha 'timxi fuq l-atti inkluzi r-relazzjoni ta' Dr. B. Fenech Adami'. In-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita`, sostanzjali jew xort'ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal- procedura kollha. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal- fehma li l-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu. Tali nuqqas, u l-konsegwenti nullita` tas-sentenza, huma sollevabbli *ex officio* minn din il-Qorti. Biex ma tipprivax lill- appellanti mill-beneficcju tad-doppju ezami, din il- Qorti mhux ser tisma' hi l-provi mill-gdid fil-meritu, izda ser tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti."**

17. Issa fil-każ in disamina l-perit tekniku ġie maħtur sabiex jagħmel evalwazzjoni li tmur oltre dak tekniku sabiex jikkonstata l-kwalita u n-natura tal-mużika. Naturalment sabiex jagħmel dan il-perit kien jeħtieġ li jkollu sfond ta' fatti u ried jagħmel ċerti konstatazzjonijiet ta' fatt sabiex ikun jista' jespleta l-inkarigu tiegħu. Iżda l-Qorti tal-Maġistrati ma kienetx sollevata mill-ħtieġa li tisma' hi stess ix-xiehda fuq il-meritu. Il-fatt li l-perit tekniku kellu mansjoni teknika konferita lilu ma jeżonerax lil Qorti tal-Maġistrati mid-dmir tagħha li tisma' x-xiehda tax-xhieda dwar il-meritu.

18. Inoltre, l-artikolu 650(5) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk : -

(5) Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom. Il-Qorti tal-

> Maġistrati, sew bħala qorti ta' ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, tista' wkoll tagħti s-setgħa lill-periti, jekk ikunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan, il-qorti ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti hekk prodotti jew terġa' teżamina x-xhieda hekk mismugħa, sakemm il-qorti ma tqisx li dan ikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan. Meta jkunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, il-qorti għandha tindika liema perit ikollu s-setgħa li jagħti l-ġurament.

19. F'dan il-każ ma ġewx nominati aktar minn perit wieħed; u fi kwalunkwe każ, il-provi miġbura mill-perit tekniku kienu jestendu wkoll fuq fatti li jiffurmaw il-meritu tal-każ li, skont il-ġurisprudenza imsemmija aktar il-fuq, kellhom jiġu mismugħa mill-Qorti tal-Maġistrati.

20. Din il-Qorti taqbel mal-linja ġurisprudenzjali imsemmija aktar il-fuq u tqis li kif inhi l-Liġi sal-lum il-ġurnata, in-nuqqas tal-ġudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jammonta għal aktar minn sempliċi nuqqas ta' formalita', sostanzjali jew xort'oħra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu tali nuqqas jinċidi fuq is-<u>sustanza</u> tal-proċedura kollha adoperata minn dik il-Qorti. Dan in-nuqqas iġib miegħu l-konsegwenti nullita' tas-sentenza, liema nullita hija sollevabbli *ex officio* minn din il-Qorti.

21. Biss, biex ma tipprivax lill-partijiet, u speċjalment lill-appellant, mill-benefiċċju tad-doppju eżami, din il-Qorti mhux ser tisma' hi l-provi mill-ġdid fil-meritu, iżda ser tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati.

# DECIDE

22. Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza appellata u tordna li l-atti jiġu minnufih mibgħuta lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti, wara li tisma' l-provi mill-ġdid, tiddeċiedi dwar il-każ skont il-Liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***